IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 35-2017(17_08_17)**

**17 ta' Awwissu 2017**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku
Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sinjura Carmen Said ippresjediet il-laqgħa.

**35.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

35.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji għaliex kulħadd kien preżenti.

**35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

35.2.1 Il-Kunsill għadda għall-Minuti tal-laqgħat preċidenti numri 34-2017(19_07_17) u 35A-2017(14_08_17 - Laqgħa b'urġenza) li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. B'hekk, wara dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**35.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

35.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kienet attendiet flimkien mad-Direttur Eco-Gozo u l-Perit Saliba għal-laqgħa mal-uffiċjali tal-ERA rigward it-tindif tal-Wied tax-Xlendi. F'din il-laqgħa rriżulta li ma jidhirx li hemm problemi sabiex dan il-wied jitnaddaf. Il-Perit Saliba ser jibgħat lid-Direttur Eco-Gozo dwar il-*monitors* li ser ikunu jissorveljaw ix-xogħlijiet. Huwa previst li x-xogħol ser jinbeda fil-bidu tas-sena.

Saret laqgħa mal-Perit William Lewis sabiex jara Triq tax-Xatba li ser tinħareġ *tender* biex nutilizzaw il-fondi li ser ningħataw mir-Reġjun Għawdex. Il-perit għamel spezzjoni fil-Pjazza tal-Knisja sabiex jara l-kundizzjoni tal-pavimentar li sar dan l-aħħar u ser jagħmel rapport. Ra wkoll ix-*shelters* sabiex jipprepara l-*bill of quantities* u tinħareġ it-*tender*.

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-festun tax-Xlendi twaħħal u sar ir-*railing* tat-taraġ ukoll.

**35.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

35.4.1 Is-Sur Paul Curmi staqsa jekk hemmx ċans li jitranġa l-gagazza li hemm fi Triq Santa Dminka peress li daqt ser iċedi. Is-Sindku infurmatu li ser issir talba lis-CMU.

35.4.2 Is-Sur Damien Spiteri talab li jitnaddaf xi trab li nġema' ma' bankina fi Triq Damasku. Huwa lmenta li l-vetturi qed jgħaddu b'veloċità eċċessiva mill-Pjazza tal-Knisja. Huwa ssuġġerixxa li jitpinġu *speed limit* fl-art fuq it-tarmak. Is-Sindku ssuġġeriet li nitolbu parir mingħand Transport Malta.

Is-Sur Damien Spiteri lmenta dwar ħmieġ u trabijiet fit-toroq tal-Munxar.

35.4.3 Is-Sur Robert Mallia staqsa jekk jistax jinħasel l-apparat ta' Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina. Ilmenta wkoll li qed jintefa' qxur tat-tadam fl-għelieqi viċin Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina. Ġie deċiż li jsir rapport lid-Dipartiment tas-Sanità u l-bandli kienu ser jinħaslu.

**35.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

35.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva talba verbalment sabiex isir bank fuq il-bankina tal-Pjazza tal-Knisja quddiem id-dar 16. Il-bankina hija wiesgħa biżżejjed sabiex joqgħod bank u jgħaddi *wheelchair*. Il-bank ser jiswa €125. Kien hemm qbil li dan isir.

35.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill irid jibda l-proċess ta' *tendering* bis-sistema l-ġdida EPPS. Sabiex isir dan, is-Segretarju Eżekuttiv staqsa xi Kunsilli oħra dwar persuni li qed jgħinu f'dan ix-xogħol. Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li nqabbdu lis-Sur William Sultana fejn ser jiċċarġja €70 + VAT għal kull *tender*. Kien hemm qbil dwar dan. Ser jinħarġu żewġ *tenders*; waħda sabiex isir xogħol ta' *patching* u kisi bit-tarmak u l-oħra għal servizz ta' perit. Fil-laqgħa li jmiss il-Kunsill ser jiddeċiedi dwar il-persuni li ser jaġġudikaw dawn it-*tenders*.

**35.6 Korrispondenza, ilmenti u rapporti**

35.6.1 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 17/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Interess minn Kunsilli Lokali biex jieħdu sehem fi proġett tal-Unjoni Ewropea WiFi4EU'.

35.6.2 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 18/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett '*Policy Guideline* dwar l-Immaniġġar tal-Iskart Elettriku u Elettroniku (l-*WEEE*) miġbur mill-Kunsilli Lokali'.

35.6.3 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 19/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett '*Streaming* tal-Laqgħat *online* u Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għas-servizz tal-*Internet*'.

35.6.4 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 20/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Reġistrazzjoni skont l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud'.

35.6.5 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 21/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2017'.

35.6.6 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Numru 22/2017 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett 'Inizjattiva Finanzjarja favur il-Komunità – Libreriji Lokali/Reġjonali'.

35.6.7 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Local Enforcement System Agency (LESA) rigward laqgħa biex jitjieb is-servizz provdut mill-Gwardjan Lokali kif ukoll l-Aġenzija tista' tkun ta' iktar servizz lejn il-Kunsill, fil-5 ta' Awwissu 2017 fil-Ministeru għal Għawdex.

35.6.8 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tas-67 laqgħa tat-2 ta' Awwissu 2017, l-Iskeda tal-Ħlasijiet Numru 51 approvati fis-Seduta Numru 67 u l-Minuti tal-Laqgħa Numru 66/2017 ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħhom lis-Sindku u lill-Kunsilliera.

35.6.9 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 46/2017 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Inizjattiva MCCF'. Il-Kunsilli qed jiġu mħeġġa sabiex ikollhom sehem dirett fl-għajnuna li l-Malta Community Chest Fund tfittex mill-ġenerożità tal-poplu Malti. Ġew diskussi diversi inizjattivi, fosthom kompetizzjonijiet u l-possibilità li kull kunsillier mill-*allowance* tiegħu ta' kull xahar jagħti €2.33 sabiex jingħataw f'donazzjoni lill-Istrina kull sena. Din l-inizjattiva hija miftuħa wkoll għas-Segretarji Eżekuttivi kif ukoll il-ħaddiema klerikali li jixtiequ jipparteċipaw.

35.6.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-President, Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Konsultazzjoni: Dokument Proposti Swieq fil-Beraħ – Dokument Proposti *Tables & Chairs'*. Qed ikunu mħejjija dokumenti fuq dawk l-oqsma li għandhom jiġu indirizzati b'mod urġenti sabiex issir konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali u wara jiġi mħejji dokument uffiċjali fuq kull settur li jkunu preżentati lis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet u lill-Kelliem Ewlieni tal-Oppożizzjoni l-Onorevoli Robert Cutajar. Għaldaqstant, qed jitlob li l-kummenti u proposti jaslu għand din l-Assoċjazzjoni sal-25 ta' Awwissu 2017 sabiex l-istess dokumenti jiġu approvati fil-laqgħa plenarja li ser issir għall-ħabta ta' Settembru 2017. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li fil-jiem li ġejjin ser ikunu qed jintbagħtu żewġ dokumenti oħra dwar il-ħaddiema assenjati lill-Kunsilli Lokali kif ukoll l-immaniġġar u l-ġbir tal-iskart. Il-Kunsill ġie mitlub jibgħat il-kummenti u proposti anke dwar dawn iż-żewġ setturi.

35.6.11 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL M001/2017 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Minuti tal-Laqgħa tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (Numru 49)'. Il-Kunsill ġie infurmat illi sabiex titħaddan iktar il-politika ta' *open door policy* u l-Kunsilli jkunu infurmati dwar ix-xogħol li qed twettaq din l-Assoċjazzjoni, wara kull seduta tal-Eżekuttiva, ser jibdew jiġu ċċirkolati l-Minuti tas-seduta preċedenti li jkunu għadhom kemm ġew approvati.

35.6.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex rigward 'Komunikat – President Reġjun Għawdex'. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex għal-laqgħa tar-Reġjun tat-2 ta' Awwissu 2017, ir-rappreżentant tal-Kunsill iġib *feedback* dwar il-*pilot project* li sar mal-Wasteserv fuq l-introduzzjoni tal-borża organika; l-effetti li rriżultaw minn dan il-proġett u l-infurzar li kien hemm fil-lokalitajiet. Dan il-*feedback* ser jiġi mgħoddi lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex jiġi mgħoddi lill-Ministeri responsabbli fit-taħdidiet li għaddejjin bħalissa fuq titjib fis-sistema u evalwazzjoni tagħha.

35.6.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Green MT rigward 'Santa Marija: Ġbir ta' Skart Riċiklabbli: Tibdil fil-ġurnata tal-ġbir', fejn qegħdin jinfurmaw lill-Kunsill li Għawdex kollu l-iskart riċiklabbli ser jinġabar fis-16 ta' Awwissu 2017 flok fil-15 ta' Awwissu 2017 (Jum Santa Marija). Il-Kunsill ġie mitlub ixerred dan il-messaġġ.

35.6.14 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 47/2017 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Ġbir u mmaniġġar tal-Iskart'. Anness kien hemm dokument bi proposti u l-Kunsill ġie mitlub jibgħat il-kummenti u proposti oħra sal-25 ta' Awwissu 2017. Il-Kunsill ġie infurmat li fil-jiem li ġejjin il-Kunsill għandu jirċievi dokument simili dwar l-iskemi tal-ħaddiema li għandna jaħdmu mal-Kunsilli Lokali u dokument dwar ir-riforma fir-reġjuni.

35.6.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Fondazzjoni OASI rigward '*OASI Foundation – Communication to Groups within the Civil Society, regarding the Legalisation of Cannabis for Recreational Use'.* Huma taw informazzjoni dwar din il-fondazzjoni u dwar il-ħidma tagħhom u talbu lill-Kunsill sabiex ixerred id-dokument li huma bagħtu rigward l-użu tal-kannabis għall-użu rikreattiv.

35.6.16 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 48/2017 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Ġbir ta' formoli'. Saret referenza għaċ-ċirkulari maħruġa mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru dwar il-formoli li jintużaw sabiex il-pubbliku japplika u jagħmel użu mis-servizzi pubbliċi offruti. Għaldaqstant, il-Kunsill ġie mitlub jibgħat kopja *scanned* ta' kull formola uffiċjali sabiex dawn jiġu pprogrammati mit-Taqsima tal-IT sabiex isiru *online.*

35.6.17 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 49/2017 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Attività Soċjali nhar il-31 ta' Awwissu 2017'. Il-Kunsill ġie mistieden għal din l-attività soċjali li ser isservi sabiex ikun hemm ċans li niltaqgħu f'ambjent informali.

35.6.18 Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra li ntbagħtet lill-Ambaxxatur ta' Malta mingħand il-Federazzjoni għall-Awtoritajiet Lokali f'Israel rigward '*The Muniexpo 2018' u 'The Muniworld 2018'*, fejn il-Kunsill qed ikun mistieden għal dawn l-attivitajiet li ser isiru bejn it-13 u l-15 ta' Frar 2018, ġewwa Tel Aviv.

35.6.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Pulizija ta' Malta rigward laqgħa mal-Kunsill Lokali fid-9 ta' Awwissu 2017, fl-għassa tar-Rabat Għawdex.

35.6.20 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 45/2017 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward il-'*European Mobility Week: 16-22 September; European Day Without a Road Death (EDWARD)'.* Saret referenza għaċ-ċirkulari AKL 43/2017 dwar attivitajiet tal-Ġimgħa Ewropea tal-Mobilità u twasslet korrispondenza li l-Assoċjazzjoni rċeviet mingħand il-Malta Automobile Club bis-suġġett '*EDWARD for September – car sharing can be worthwhile*'.

35.6.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar fejn qed jinfurmaw li għax-Xlendi l-bilanċ tal-*local funds* sal-31 ta' Mejju 2017 huwa ta' €90,216.20.

35.6.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar fejn qed jinfurmaw li għall-Munxar il-bilanċ tal-*local funds* sal-31 ta' Mejju 2017 huwa ta' €39,686.30.

35.6.23 Il-Kunsill irċeiva *e-mail* mingħand Shield Consultants Ltd fejn qed jikkwotaw il-prezz ta' €454.30 għall-*Risk Assessment*.

35.6.24 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Case 353/2017 Inspection Report Week 17/07-21/07/2017 Il-Munxar – Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina' peress li nġibdet l-attenzjoni għal għadd ta' nuqqasijiet, fosthom il-ħtieġa ta' aktar indafa u jitbattlu aktar spiss il-*litterbins*. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jinforma lid-Dipartiment x'azzjoni hi maħsuba li tittieħed mill-Kunsill sabiex dan jiġi rrimedjat u d-data illi din l-azzjoni ser tittieħed. Il-Kunsill kien diġà ltaqa' maż-żewġ ħaddiema.

35.6.25 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Inġinier mill-Ministeru għal Għawdex rigward fanali li ġew vandalizzati max-xatt tax-Xlendi. Huwa qed jinforma lill-Kunsill li għalkemm il-Ministeru jgħin fil-manutenzjoni ta' dawn il-fanali, l-istess fanali huma proprjetà tal-Kunsill u għalhekk il-Kunsill għandu jagħmel rapport lill-pulizija u meta nipprovdu l-*parts* huma lesti li jgħinuna fit-tiswija.
Is-Sindku għamlet rapport lill-Pulizija u s-Segretarju Eżekuttiv għamel *claim* lill-*insurance*.

35.6.26 Il-Kunsill irċieva lment mingħand resident fi Triq il-Munxar fejn qed jitlob sabiex isiru tabelli jew żebgħa fil-parti ta' isfel ta' din it-triq minħabba li qed tkun diffiċli li wieħed jidħol u joħroġ mill-*garages/car ports* minħabba l-ipparkjar ta' vetturi fuq iż-żewġ naħat tat-triq. Xi drabi huwa diffiċli wkoll sabiex tidħol u toħroġ minn Sqaq Dun Mikiel Anġ. Spiteri minħabba l-ipparkjar ta' vetturi fuq iż-żewġ naħat tat-triq.
Is-Sindku ssuġġeriet li l-Kunsill jieħu l-parir ta' Transport Malta.

35.6.27 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand persuna residenti Malta li ngħata ċitazzjoni waqt li kien iżur Ix-Xlendi. Għalkemm din iċ-ċitazzjoni diġà ġiet imħallsa qed jibgħat din l-ittra bil-kummenti u lmenti tiegħu dwar kif seħħ il-każ.
Din ser tiġi rreferuta lil-LESA.

35.6.28 Il-Kunsill irċieva lment mingħand resident fi Triq il-Munxar fejn qed jilmenta li f'nofs din it-triq, fejn kien l-*ex-Andar Hotel* u issa saru *flats*, hemm ħafna dlam. Huwa qed jitlob sabiex issir bozza f'nofs din it-triq.
Il-Kunsill ser imur fuq il-post mal-Inġinier Mario Galea.

35.6.29 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand avukat għan-nom ta' koppja residenti fi Triq il-Munxar minħabba t-talba tagħhom lill-Kunsill sabiex jieħu miżuri ta' prekawzjoni bil-għan illi sewwieqa illi jkunu qed jagħmlu użu minn Triq il-Munxar jikkontrollaw il-veloċità tas-sewqan tagħhom peress li jgħaddu traxxnati u l-inċidenti huma frekwenti. Huma qed jinterpellaw mill-ġdid sabiex minnufih jittieħdu dawk il-prekawzjonijiet kollha li hemm bżonn, speċjalment billi tiġi ffurmata *sleeping police* fl-imsemmija triq u qed iżommu lill-Kunsill responsabbli għall-ħsara kollha li tista' tiġri lilhom, lil terzi li jkunu qed jagħmlu użu mill-proprjetà tagħhom u l-istess proprjetà tagħhom kaġun ta' dan.
Ġie deċiż li l-Kunsill jikkonsulta ma' Transport Malta.

35.6.30 Il-Kunsill irċieva applikazzjoni għall-kostruzzjoni ta' bankina mingħand resident fi Triq Żgħawri sabiex issir bankina mar-residenza tiegħu fi Triq Żgħawri u Triq Dun Spir Gauci. Irid jgħaddi s-servizz tal-ilma u drenaġġ qabel ma ssir il-bankina.
Ser issir talba lis-CMU.

35.6.31 Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra mingħand Cosyra Legal għan-nom tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li ntbagħtet lill-Ministeru għal Għawdex, Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, Segretarjat Parlamentari għall-Ippjanar u s-Suq tal-Propjetà, Awtorità tal-Ippjanar u Segretarjat Parlamentari għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, Ministeru għall-Enerġija u Immaniġġar tal-Ilma u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kif ukoll ikkupjata wkoll lis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet u r-Reġjun Għawdex rigward l-allegazzjoni li ġewwa Il-Munxar fi Triq Żgħawri fil-limiti Tas-Sanap qiegħed jiġi żviluppat *Recycling Drainage Plant*. Il-Kunsill Ta' Sannat qed iressaq l-oġġezzjoni tiegħu għal diversi raġunijiet imsemmija f'din l-ittra.
Il-Kunsill ħa nota ta' din l-ittra.

35.6.32 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari Nru AKL 55/2017 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Proposti dwar l-Iskemi tal-Ħaddiema mal-Kunsilli Lokali', fejn mehmuż intbagħat id-dokument li ġie mħejji mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali bil-għan li jiġi stabbilit qafas li permezz tiegħu joperaw l-iskemi tal-ħaddiema assenjati lill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill ġie mistieden sabiex jibgħat il-kummenti tiegħu sal-25 ta' Awwissu 2017 sabiex jiġu mħejjija l-proposti uffiċjali tal-Assoċjazzjoni f'dan il-qasam.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

35.6.33 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand residenta fi Triq iż-Żirżieb, Ix-Xlendi fejn qed tilmenta minħabba trabijiet u ħsejjes minn xogħol ta' kostruzzjoni li qed isir faċċata tal-proprjetà tagħha. Hija infurmat lill-Kunsill li diġà infurmat diversi awtoritajiet iżda għadu ma sar xejn u issa qiegħda titlob l-għajnuna tal-Kunsill sabiex dan l-inkonvenjent jitwaqqaf.
Il-Kunsill jagħti l-permess sabiex jintuża makkinarju u tingħalaq it-triq iżda l-Kunsill ma tax permess biex jitkompla xogħol matul is-sajf.

35.6.34 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand residenta fi Triq is-Sienja, Ix-Xlendi fejn qed tilmenta li f'din it-triq quddiem eżatt l-għassa tal-Pulizija tax-Xlendi hemm ħafna ħmieġ u ħaxix ħażin minħabba li din it-triq qatt ma tingħata kinsa sew. Hija qiegħda titlob li darba jew tnejn fil-ġimgħa din għandha titnaddaf.
Il-Kunsill diġà kellem lill-kennies ta' din it-triq.

35.6.35 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Principal Scientific Officer fil-Ministeru għal Għawdex rigward 'Log 43: Ix-Xlendi request for clean-up and vandalised light fixtures to be changed'. Qiegħda tinġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar fanali li ġew ivvandalizzati max-xatt tax-Xlendi, grafitti fl-*area* tal-Kantra u diversi nuqqasijiet oħra fil-*Parking* tax-Xlendi u l-madwar. Il-Ministeru huwa lest li jgħin lill-Kunsill u għaldaqstant qiegħed jitlob li ssir laqgħa bejnietna.
Il-fanali diġà nxtraw u issa kemm jitwaħħlu mill-ħaddiema tal-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku ser tiltaqa' dwar għajnuna għall-indafa fix-Xlendi.

35.6.36 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Case No. 408/2017 – Diffikultajiet Finanzjarji Kunsilli Lokali'. Is-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet qed jistieden lill-Kunsilli Lokali sabiex jissottomettu informazzjoni dwar x'inhuma d-diffikultajiet finanzjarji li qed ixekklu milli jiġu moqdija l-funzjonijiet tal-Kunsill Lokali. Għandhom jiġu indikati b'mod ċar dawn id-diffikultajiet billi jintbagħtu wkoll evidenza dokumentata u dan għandu jsir sa mhux aktar tard mit-12 ta' Settembru 2017.
Il-Kunsill ser jikteb dwar it-tkomplija tal-Pjazza tal-Knisja u l-bdil tal-*main* tal-ilma ta' Triq il-Munxar.

35.6.37 Il-Kunsill irċieva mingħand il-perit tal-Kunsill *Traffic Management Scheme* għax-Xlendi.
Il-Kunsill qabel ma' dan it-*Traffic Management Scheme* ġdid u għalhekk ġie deċiż li jintbagħat lil Transport Malta għall-approvazzjoni.

Il-ħin kien is-6.46 ta' filgħaxija u s-Sur Robert Mallia talab li jkun skużat u ħareġ mil-laqgħa.

35.6.38 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex rigward 'Riviżjoni tal-Inizjattiva Finanzjarja - Għoti mill-ġdid ta' tarmak lil toroq fir-responsabbiltà tal-Kunsilli Lokali', imnedija mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali permezz tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Minħabba r-reviżjonijiet li ġew introdotti, l-anqas allokazzjoni li kull Kunsill Lokali sejjer jingħata hi ta' €3,000 filwaqt li l-aktar hi ta' €8,800. Mehmuż kien hemm il-lista l-ġdida fejn qed tindika li l-Kunsill tal-Munxar ser jingħata s-somma ta' €8,800. L-applikazzjonijiet għandhom isiru sa mhux aktar tard fis-17 ta' Awwissu 2017; sabiex tingħata din is-somma l-proġett (għoti ta' tarmak ġdid jew *patching* b'tarmak ġdid ta' partijiet kbar minn toroq eżistenti iżda mhux *patching* ta' *potholes* żgħar) irid jitlesta sat-30 ta' Novembru 2017 u jekk xi Kunsilli Lokali jiddeċiedu li ma japplikawx, il-fondi allokati lilhom jinqassmu bejn il-Kunsilli Lokali interessati.
Il-Kunsill ser japplika għal Triq ix-Xatba. Il-Kunsill ser joħroġ offerta.

35.6.39 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Produtturi tal-programm Life & Style li ser jerġa' jibda jixxandar fuq Net TV, kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn l-4:30 ta' filgħaxija u s-6:00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill qed jiġi mitlub sabiex jinnomina persuna mil-lokalità li jħoss li għandha xi talent speċjali u għalhekk tirrappreżenta bl-aħjar mod lil-lokalità.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan.

35.6.40 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari 01/2017 mingħand il-Kap tal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA) u l-Kap tal-Awtorità ta' Ġestjoni (MA) fi ħdan il-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima bis-suġġett 'Obbligu tal-benefiċjarju wara li jintemm il-Proġett – Programm tal-Iżvilupp Rurali 2007 – 2013', fejn ġew elenkati diversi obbligi li jridu jiġu rrispettati.

35.6.41 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u Komunitajiet fejn qed jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill sabiex il-Kunsill iħawwel xi pjanti ġol-*pots* ta' Triq il-Kantra, Ix-Xlendi minħabba li kellmuh xi nies dwarhom.
Huwa ġie infurmat li l-Kunsill ser joħroġ l-offerti.

**35.7 Proġett ta' proċessar ta' demel tal-bhejjem fil-Munxar**

35.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li kienet marret għand l-Avukat Deborah Mercieca sabiex tinkiteb ittra lil diversi ministeri sabiex ikunu infurmati li l-Kunsill huwa kontra li jsir il-proġett ta' proċessar ta' demel tal-bhejjem fil-Munxar.

L-iżviluppatur talab laqgħa mal-Kunsill li saret fid-9 ta' Awwissu 2017.

Wara din il-laqgħa, is-Sindku tkellmet mal-avukat u ngħatat il-parir li aħjar jiġi vverifikat dak li l-iżviluppatur qal lill-Kunsill. L-avukat irranġat xi punti fl-ittra sabiex tirrifletti l-laqgħa li saret mal-iżviluppatur. Il-Kunsill approva din l-ittra.

Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-Perit William Lewis ivverifika u rriżulta li l-iżviluppatur għad ma għandux permess sabiex jipproċessa lill-*farms* oħra u dan s'issa għadu ma bediex.

Illum stess il-Gvern ħareġ stqarrija fejn iddikjara li dan il-*farm* għadu ma bediex jopera.

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-istqarrija konġunta maħruġa mill-Ministeru għal Għawdex u mill-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima.

Wara li nqrat l-istqarrija, is-Sur Paul Curmi qal li ma marx għand perit iżda huwa tkellem fuq dak li qal l-iżviluppatur. Huwa talab li l-Kunsill joħroġ stqarrija.

Fid-dawl ta' dan, ġie deċiż li l-Kunsill joħroġ stqarrija fuq l-istess linji tal-ittra li ser tintbagħat lil diversi ministeri. L-istqarrija tgħid hekk:
'Il-Kunsill Lokali Il-Munxar jixtieq jispjega dwar il-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tal-possibilità ta' żvilupp ġewwa *farm* li jinsab fi Triq Żgħawri, Il-Munxar.
Il-Kunsill ġie avviċinat minn numru kbir ta' residenti li jinsabu ferm preokkupati mill-fatt li f'dan is-sit indikat jista' jkun li ser tibda tiġi eżerċitata attività in konnessjoni ma' proċessar ta' demel tal-bhejjem. Infatti l-Kunsill jinsab infurmat illi nbdew anke xi xogħlijiet li mhux neċessarjament huma koperti mill-permess meħtieġ tal-awtoritajiet.
Il-Kunsill qiegħed jagħmilha ċara minn issa u dan għalkemm għadu ma ġie avviċinat minn l-ebda entità governattiva li huwa kontra li fil-lokalità tal-Munxar tiġi ġestita attività bħal din. Dan qed jingħad mhux biss għall-fatt li dan ir-razzett huwa viċin id-djar tagħna u għalhekk hemm l-inkonvenjent tar-riħa u potenzjalment il-periklu għas-saħħa minħabba xi gass li jista' jiġi emess, iżda anke peress li t-trakkijiet iridu jgħaddu kollha minn ġewwa l-pjazza tagħna. Dan huwa inaċċettabbli għall-Kunsill u ser jieħu dawk il-passi kollha li jista' jkun hemm bżonn sabiex jissalvagawdja l-interessi tar-raħal u tar-residenti tagħna.
Filwaqt li qed jiġi ttamat li dan kollu ma jkunx meħtieġ u li l-possibilità li tiġi ġestita tali attività tiġi skartata immedjatament, il-Kunsill ħassu fl-obbligu li jinforma formalment kemm lill-Awtorità tal-Ippjanar kif ukoll lill-Ministru għal Għawdex, Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, Ministru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u s-Suq tal-Propjetà u Segretarju Parlamentari għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali li ġew ikkupjati b'din il-korrispondenza u dana sabiex l-oġġezzjoni tagħna tiġi reġistrata bil-miktub'.

Is-Sur Paul Curmi staqsa jekk huwiex ser nitolbu laqgħa mal-awtoritajiet. Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex u mal-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima.

**35.8 Sejħa għall-offerti – proġetti fil-Munxar**

35.8.1 Peress li l-Kunsill għadu jistenna li jsiru diversi *Bill of Quantities* bit-*technical specifications* mill-perit u l-inġinier, għalissa ser joħorġu żewġ offerti: Tender Ref: MXR/001/2017 – Tender for the services of an architect (Local Council projects), Il-Munxar, Gozo u Tender Ref: MXR/002/2017 – Road maintenance & major patching works, Il-Munxar Local Council.

**35.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv**

35.9.1 Il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ltaqa' fis-16 ta' Awwissu 2017 fil-5 ta' filgħaxija. Preżenti kien hemm is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Chairperson.* Preżenti kien hemm ukoll is-Sinjura Carmen Said - Sindku u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru talbet li tkun skużata.

Is-Sinjorina Charmaine Vella - Viċi *Chairperson* u s-Sur Saviour Xiberras - Membru kienu assenti.

Dawk preżenti stennew għal nofs siegħa mill-ħin stabbilit u fil-5.30 ta' filgħaxija ċ-*Chairperson* iddikkjara li ma kienx hemm *quorum* u li l-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 26 ta' Settembru 2017 u fil-5.00 ta' filgħaxija.

**35.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

35.10.1 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 35-2017(17_08_17).

**35.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

35.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.15 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 27 ta' Settembru 2017 u fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 26 ta' Ottubru, 2017

**IFFIRMATA**

Robert Mallia
f/Camen Said
Sindku

**IFFIRMATA**

Anthony Grech
Segretarju Eżekuttiv